A.L. 84 ta' l-1988

ATT TA' L-1975 DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA

(ATT NRU. XVI TA' L-1975)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att ta' l-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 3) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 47 ta' l-1972.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-10 ta' Ottubru, 1988.

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Tifsir. 2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"ftehim" tfisser ftehim magħmul bejn iċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni Telemalta u xi persuna oħra għall-għoti ta' servizz tat-telefon skond dawn ir-regolamenti;

"bit/s" jew "bits fis-sekonda" tfisser ir-rata ta' trasferiment ta' kull informazzjoni, ġaladarba tkun inqalbet f'*binary code;*

"*call office*" tfisser servizz tat-telefon provdut miċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni Telemalta għall-pubbliku sabiex jiġu mibgħuta u riċevuti messaġġi tat-telefon u tinkludi kull bini jew parti minn bini li jiġbor fih servizz bħal dak;

"*Chairman* tal-Korporazzjoni Telemalta" tinkludi kull uffiċjal tal-Korporazzjoni Telemalta awtorizzat miċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni Telemalta biex jaġixxi minfloku;

"linja bil-kaxxa tal-flus" tfisser linja ta' l-*exchange* dwar telefonati li għalihom iċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni Telemalta ikun jeħtieġ li somma ta' flus titqiegħed f'kaxxa li hu jipprovdi biex fiha jingabru l-flus;

"telefon *cordless*" tfisser terminal tat-telefon konness ma' linja ta' l-*exchange* jew linja ta' estensjoni u integrat ma', jew akkumpanjat b'set tat-telefon normali; dan jikkonsisti f'żewġ partijiet li jingħaqdu permezz ta' konnessjoni bir-radju; parti fissa u parti li tinġarr, b'mod li jkunu jistgħu jitwettqu l-istess operazzjonijiet bażiċi bħal ma jitwettqu b'set tat-telefon normali fiċ-ċirkonferenza ta' żona limitata madwar il-parti fissa;

"CUG" jew "*Closed User Group*" tfisser il-faċilità li tippermetti lill-abbonati li jkunu membri tal-grupp li jinterkomunikaw liberament permezz tal-*Packet Switching Network*, iżda li żżomm kull telefonata oħra lil jew mill-grupp;

"dħul bid-*dial*" tfisser l-użu ta' telefon u tal-*Public Switched Telephone Network* sabiex wieħed jikseb dħul fil-PAD fil-*Packet Switching Network;*

"linja ta' l-*exchange*" tfisser ċirkuwitu provdut bħala parti minn stallazzjoni sabiex iżomm dik l-istallazzjoni kumnikata ma' *exchange* tat-telefon;

"estensjoni esterna" tfisser estensjoni li ma tkunx estensjoni nterna;

"sistema ta' *exchange* f'dar" tfisser stallazzjoni li jkun fiha numru ta' stazzjonijiet li kull wieħed minnhom ikun jista telefonikament jitqabbad ma' l-oħrajn jew ma' linja ta' *exchange* billi jingħafsu buttuni u tinkludi kull estensjoni speċjali provduta bħala parti minnha;

"stallazzjoni" tfisser tagħmir jew apparat provdut miċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni Telemalta lil abbonat bħala mezz ta' kumnikazzjoni tat-telefon għal kollox jew f'parti permezz tas-sistema tat-telefon pubbliku, u tinkludi kull tagħmir jew apparat sussidjarju jew relattiv;

"estensjoni nterna" tfisser estensjoni li tgħaqqad postijiet fl-istess fondi li jkunu fl-istess bini jew f'żewġ bini separati jew iżjed li jkunu mgħaqqdin flimkien permezz ta' mina jew mezz ta' aċċess ieħor mgħotti;

"linja mikrija" tfisser linja minn post għal post meta t-tagħmir terminali jkun provdut u miżmum mill-abbonat jew meta *telex* u/jew tagħmir telegrafiku jispiċċa fuqu;

"*logical channel*" tfisser mogħdija ta' komunikazzjoni apparentement kontinwa lejn jew minn *packet mode terminal* li permezz tagħha n-numru ta' komunikazzjonijiet possibbli simultanji fuq dak it-terminal ikun l-istess daqs in-numru ta' *logical channels;*

"*modem*" tfisser apparat meħtieġ sabiex jaqleb is-sinjali minn terminal f'għamla li tista' tiġi trasmessa jew riċevuta permezz ta' linja li tieħu d-diskors ċar;

"NUA" jew "*Network User Address*" tfisser *code* numeriku uniku li permezz tiegħu jiġi identifikat kull *terminal* fuq il-*Packet Switching Network;*

"NUI" jew "*Network User Identification*" tfisser *code* ta' identifikazzjoni ta' min juża *network* allokat lill-abbonati li jkollhom dħul bid-*dial,* b'dan li l-*code* ikollu jiġi kkwotat kull darba qabel ma jistgħu isiru telefonati;

"*octet*" tfisser 8 *bits* konsekuttivi ta' *user data,* bħalma hu karattru;

"*packet*" tfisser grupp ta' *binary digits,* inklużi sinjali ta' *data* u ta' kontroll ta' telefonati, li jitħaddem bħala ħaġa waħda, b'dan li d-*data,* sinjali ta' kontroll ta' telefonati u possibilment l-informazzjoni dwar kontroll ta' żbalji jkunu irranġati f'format speċifiku;

"PAD" jew "*Packet Assembly/Disassembly*" tfisser apparat li l-funzjoni tiegħu hi li tippermetti *nonpacket mode terminals* jiskambjaw *data* fil-*packet mode;*

"*permanent virtual circuit*" tfisser assoċjazzjoni permanenti li teżisti bejn żewġ *data terminals,* mingħajr ma tkun possibbli jew meħtieġa ebda proċedura ta' *call set-up* jew proċedura ta' *clearing;*

"persuna" tinkludi kull għaqda korporata u kull għaqda ta' persuni kemm jekk ikollhom personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha kemm jekk le;

"port" tfisser il-punt li fih sinjali minn terminal jidħlu u joħorġu mill-PAD tal-*Packet Switching Network;* kif japplika wkoll għal *processors* ta' komunikazzjoni ġeneralment;

"fergħa ta' l-*exchange* privata awtomatika" tfisser fergħa ta' l-*exchange* privata li kollha kemm hi jew li parti minnha taħdem permezz ta' *switches* awtomatiċi;

"fergħa ta' l-*exchange* privata" tfisser apparat ta' *switches* maħsub biex jipprovdi interkumnikazzjoni bejn estensjonijiet kumnikati ma' dak l-apparat u bejn dawk l-estensjonijiet u linji ta' l-*exchange,* iżda ma tinkludix sistema ta' *exchange* f'dar;

"fergħa ta' l-*exchange* privata manwali" tfisser fergħa ta' l-*exchange* privata li titħaddem għal kollox bl-idejn;

"kera" tfisser kull dritt dwar xi stallazzjoni jew linja mikrija, li hija stabbilità b'regolamenti jew skond regolamenti jew bi ftehim, skond il-każ, u li titħallas perjodikament;

"segment" tfisser il-kejl użat fil-ħlas ta' drittijiet għall-volum ta' informazzjoni trasmess f'servizz li jkun *packet-switched*, b'dan illi segment wieħed ikollu 0-64 *octets* ta' *data;*

"stazzjon", dwar sistema ta' l-*exchange* f'dar, tfisser telefon li jkun jista' jiġi kumnikat ma' kull wieħed mit-telefonijiet l-oħra li jkunu jinsabu f'dak is-sistema jew ma' linja ta' l-*exchange* billi jingħafsu buttuni;

"abbonat" tfisser persuna li fuq applikazzjoni tagħha ċ-*Chairman* tal-Korporazzjoni Telemalta jipprovdi servizz telefoniku permezz ta' stallazzjoni skond dawn ir-regolamenti jew skond ftehim;

"il-fond ta' l-abbonat" tfisser kull fond li fih jkun hemm stallazzjoni jew parti minn stallazzjoni li jkun jew fond fil-pussess ta' okkupat minn, jew taħt il-kontroll dirett ta', il-persuna li tkun l-abbonat dwar l-istallazzjoni jew il-persuna li l-istallazzjoni jew parti minnha ssir għall-użu tagħha fuq applikazzjoni ta' l-abbonat, jew fond li jkun kumnikat telefonikament ma' dak il-fond kif issemma' qabel permezz ta' estensjoni;

"*telefax*" tfisser sistema ta' telefonar li bih jistgħu jiġu trasmessi b'mod dirett u għal kollox simili, paġni ta' dokumenti bejn min jibgħathom u min jirċevihom; u għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti *Telefax* Serje 2 tfisser makna li tista' titrasmetti bir-rata ta' tliet minuti għal kull dokument ta' qies ISO A4; u *Telefax* Serje 3 tfisser makna li tista' titrasmetti bir-rata ta' minuta għal kull dokument ta' qies ISO A4;

"*exchange* tat-telefon" tfisser tagħmir jew apparat bi *switches* li jagħmel parti mis-sistema tat-telefon pubbliku u tinkludi l-bini jew il-vettura li jkun hemm fiha dak it-tagħmir jew apparat;

"servizz tat-telefon" tfisser it-tgawdija tal-mezz ta' kumnikazzjoni telefonika;

"terminal", b'riferenza għall-*Packet Switching Service*, tfisser inġenju għad-dħul u ħruġ ta' *data* ġejja minn jew sejra 'l bogħod li jista' jiġi kumnikat mal-*Packet Switching Network;*

"*virtual circuit*" tfisser *channel* ta' komunikazzjonijiet apparenti bejn żewġ terminals; fil-*packet mode* ta' thaddim, il-perjodu ta' komunikazzjoni bejn iż-żewġ terminals jiġi stabbilit mill-ħin tal-proċedura ta' *call set-up* sa dak tal-proċedura ta' *call clearing;*

"abbonat fit-Terminal X 25" tfisser abbonat mgħammar b'terminal li jkollu l-kapaċità li jifforma l-*packets* tiegħu stess u jinteraġixxi direttament man-*network;*

"abbonat fit-Terminal X 28" tfisser abbonat mgħammar b'terminal li jkollu l-kapaċità biss li jibgħat u li jirċievi karattri u għaldaqstant ikun jeħtieġ l-għajnuna minn PAD sabiex jimmonta jew jiżmonta *packets*.".

2. Minnufih wara t-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din l-Iskeda ġdida: Iżid id-Disa' Skeda mar-regolamenti prinċipali.

"ID-DISA' SKEDA

Drittijiet għal Operazzjonijiet ta' 'Packet Switching'

		Lm c m
1.	**Kera ta' kull Xahar għad-Dħul**	
1.1.1	*Mod ta' Dħul bid-dial (Abbonati fit-Terminal X 28)*	
	BIT/s	
	300	3 20 0
	1,200	4 50 0
1.1.2	*Network User Identification* (NUI) kull wieħed	1 90 0
1.2	*Mod ta' Dħul b'Linja Speċifika (Abbonati fit-Terminals X 28 u X 25)*	
	BIT/s	
	300	28 40 0
	1,200	36 70 0
	2,400	54 95 0
	4,800	72 45 0
2.	**Drittijiet għall-Użu — Lokali**	
2.1	*Mod ta' Dħul bid-Dial (Abbonati fit-Terminal X 28)*	
2.1.1	Dritt għall-użu għal kull port (PAD) kull minuta	
	BIT/s	
	300	0 00 4
	1,200	0 00 5
2.1.2	Dritt skond il-volum għal kull segment	0 00 1
2.1.3	Dritt skond iż-żmien għal kull minuta	0 00 2
2.1.4	*Surcharge* għal kull telefonata	0 00 8
2.2	*Mod ta' Dħul b'Linja Speċifika (Abbonati fit-Terminals X 28 u X 25)*	
2.2.1	Dritt skond iż-żmien għal kull minuta ..... (utenti tal-*virtual circuit* biss)	0 00 2
2.2.2	Kera fix-xahar għal *permanent virtual circuit* .. (minflok id-drittijiet skond iż-żmien)	14 20 0
2.2.3	Dritt skond il-volum għal kull segment	0 00 1

		Lm c m
2.2.4	*Surcharge* għal kull telefonata ..... (utenti tal-*virtual circuit* biss)	0 0 0 8
3.	**Drittijiet għall-Użu — Internazzjonali** B'żieda mad-drittijiet li jingħabru bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, għandhom jintalbu dawn id-drittijiet dwar Operazzjonijiet ta' *Packet Switching* fuq in-*network* internazzjonali:	
3.1	*Ewropa*	
3.1.1	Dritt skond iż-żmien għal kull minuta	0 0 2 0
3.1.2	Dritt skond il-volum għal kull 10 segments ...	0 0 2 0
3.2	*Barra mill-Ewropa*	
3.2.1	Dritt skond iż-żmien għal kull minuta	0 0 8 0
3.2.2	Dritt skond il-volum għal kull 10 segments ...	0 0 5 0
4.	**Faċilitajiet Alternattivi**	
4.1	*Mod ta' Dħul bid-Dial (Abbonati fit-Terminal X 28)*	
4.1.1	Modifika fil-klassi ta' veloċità (300/1.200; 1.200/300 BIT/s kull modifika)	2 4 0 0 0
4.1.2	Kont dettaljat ta' telefonati Dritt għal kull telefonata	0 0 0 8
4.2	*Mod ta' Dħul b'Linja Speċifikata*	
4.2.1	*Abbonati fit-Terminal X 25*	
4.2.1.1	*Logical channels* addizzjonali, għal kull *channel* kull xahar	0 6 0 0
4.2.1.2	*Maximum Line Throughput*, kalkulat fuq il-formola: Lm2.35 x K, skond it-tabella li ġejja:	

Klassi ta' Abbonat		*Maximum Line Throughput*	*K*
BIT/s			
(a)	2.400	2.400	0
		3.000	1
		3.600	2
		4.200	3
(b)	4.800	4.800	0
		6.000	1
		7.200	2
		8.400	3

Nota *Maximum Line Throughput* huwa l-valur massimu li jista' jinkiseb mill-ammont totali tal-veloċitajiet tal-*logical channels* individwali meta dawn ikunu jaħdmu simultanjament, fuq linja fizika waħda

		Lm c m
4.2.2	*Abbonati fit-Terminals X 25 u X 28*	
4.2.2.1	Kera fix-xahar għall-faċilità nazzjonali CUG (li magħha għandu jiżdied 25c0 fix-xahar għal kull terminal imħaddem)	15 00 0
4.2.2.2	Dritt għall-faċilità ta' trasferiment kull xahar .	4 00 0
	(Il-kera titħallas minn min ikun qiegħed jagħmel it-telefonata filwaqt li d-drittijiet għat-trasmissjoni, jiġifieri għaż-żmien u għall-volum, jitħallsu minn min jirċievi t-telefonata)	
4.2.2.3	Modifika fil-parametri tan-*network*, għal kull modifika	12 00 0
	(Dawn il-modifiki jinkludu dan li ġej: li wieħed ikun membru ta' CUG, żieda/nuqqas fin-numru ta' *logical channels*, u tħassir/tibdil fit-tesserament fil-CUG)	
4.2.2.4	Modifika fil-klassi ta' veloċità, għal kull modifika	24 00 0
4.2.2.5	Kont dettaljat ta' telefonati, dritt għal kull telefonata	0 00 8.".